



Brussell, 20 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

9266/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0138(COD)

CODEC 737
POLCOM 32
COEST 411

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.
2. Fid-19 ta' Mejju 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill².

¹ ST 8496/22 + COR 1.

² ST 9261/22.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 21/22, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
- jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif spjegata fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.

4. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
